# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1276

**tal-21 ta' Lulju 2022**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u tkompli tikkundanna l-azzjonijiet u l-politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Ir-reġim Sirjan jipprovdi appoġġ, inkluż appoġġ militari, għall-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li sitt individwi u entità waħda involuti fir-reklutaġġ ta' merċenarji Sirjani biex jiġġieldu fl-Ukrajna flimkien mat-truppi Russi, jenħtieġ li jinżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. BEK

*ANNESS*

Il-persuni u l-entità li ġejjin jinżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

**Persuni**

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1176. | Muhammad AL-SALTI (Muhamad AL-SALTI, Akram Muhammad AL-SALTI, Muhammad SALTI) - محمد السلطي, أكرم السلطي, أكرم محمد السلطي, محمد | Nazzjonalità: Sirjana<br>Pożizzjoni: Kap Kmandant tal-"Armata għal-Liberazzjoni tal-Palestina"<br>Sess: raġel | Muhammad AL-SALTI huwa l-Kap Kmandant tal-"Armata għal-Liberazzjoni tal-Palestina", involut fir-reklutaġġ tal-Palestinjani biex jiġġieldu fl-Ukrajna flimkien mar-Russja. Għalhekk, huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 21.7.2022 |
| 1177. | Abu Hani SHAMMOUT (Abu Hani SHAMOUT, Abu SHAMMOUT, Hani SHAMMOUT) - أبو هاني شموط, أبو شموط, هاني شموط | Sess: raġel | Abu Hani SHAMMOUT huwa eks uffiċjal militari Sirjan u mexxej tal-fazzjoni "al-Ahdat al-Omariya", responsabbli, flimkien ma' reklutaturi Russi, għar-reġistrazzjoni ta' merċenarji Sirjani minn Yalda, Babila u Beit Sahem, fin-Nofsinhar ta' Damasku, destinati li jiġġieldu għall-forzi Russi fil-Libja u fl-Ukrajna. Huwa ġie inkarigat direttament mill-Grupp Wagner biex jissorvelja r-reklutaġġ tal-veterani. Għalhekk, huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 21.7.2022 |
| 1178. | Nabeul AL-ABDUL-LAH (Nabel AL-ABDUL-LAH, Nabel AL-ABDAL-LAH, Nabel ABDALLAH, Nabel ABDULLAH) - نابل عبدالله, نابل العبدالله | Pożizzjoni: Kmandant tal-Forzi tad-Difiża Nazzjonali fil-belt ta' Suqaylabiyah<br>Sess: raġel | Nabeul AL-ABDULLAH huwa l-kmandant tal-Forzi tad-Difiża Nazzjonali fil-belt ta' Suqaylabiyah. Ilu jissorvelja r-reklutaġġ tal-merċenarji Sirjani biex jiġġieldu fl-Ukrajna flimkien mar-Russja sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa. Għalhekk, huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 21.7.2022 |
| 1179. | Simon AL WAKIL (Simon WAKIL, Simon Al WAQIL, Simon WAQIL, Simon AL WAKEEL, Simon WAKEEL) - سيمون الوكيل, سيمون | Pożizzjoni: kmandant tal-Forzi tad-Difiża Nazzjonali fil-belt ta' Maharda<br>Sess: raġel | Simon AL WAKIL huwa l-kmandant tal-Forzi tad-Difiża Nazzjonali fil-belt ta' Maharda (Hama). Huwa jikkollabora direttament mal-kmand tal-forzi Russi fis-Sirja, u huwa rilej attiv tal-operazzjonijiet ta' reġistrazzjoni biex wieħed jiġġieled fl-Ukrajna flimkien mar-Russja. Għalhekk, huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 21.7.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1180. | Fawaz Mikhail GERGES - فواز ميخائيل جرجس | Pożizzjoni: negozjant, CEO ta' Al-Sayyad Company for Guarding and Protection Services<br>Sess: raġel | Fawaz Mikhail Gerges huwa d-direttur ta' Al Sayyad Company for Guarding and Protection Services Ltd, kumpannija tas-sigurtà privata Sirjana stabbilita fl-2017 u ssorveljata mill-Grupp Wagner fis-Sirja, attiva fil-protezzjoni tal-interessi Russi (il-fosfati, il-gass u l-iżgurar ta' siti taż-żejt). Huwa responsabbli għar-reklutaġġ tal-merċenarji għall-benefiċċju tal-forzi Russi fil-Libja u fl-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 21.7.2022 |
| 1181. | Yasar Hussein IBRAHIM (Yassar Hussein IBRAHIM, Yassar IBRAHIM) - ياسر حسين ابراهيم | Nazzjonalità: Sirjana<br>Data tat-twelid: 9.4.1983<br>Post tat-twelid: Damasku<br>Sess: raġel | Yasar Hussein Ibrahim huwa l-koproprjetarju ta' Al-Sayyad Company for Guarding and Protection Services Ltd, kumpannija tas-sigurtà privata Sirjana stabbilita fl-2017 u ssorveljata mill-Grupp Wagner fis-Sirja, attiva fil-protezzjoni tal-interessi Russi (il-fosfati, il-gass u l-iżgurar tas-siti taż-żejt). Il-kumpannija hija attiva fir-reklutaġġ ta' merċenarji Sirjani fil-Libja u fl-Ukrajna. Għalhekk Yasar Hussein Ibrahim huwa responsabbli biex jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 21.7.2022” |

**Entitajiet**

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| “102. | Al-Sayyad Company for Guarding and Protection Services Ltd (aka “ISIS Hunters”) - شركة الصياد لخدمات الحراسة والحماية | Data tal-ħolqien: 2017<br>Kwartieri Ġenerali: AL Suqaylabiya (reġjun ta' Hama) | Al-Sayyad Company for Guarding and Protection Services Ltd hija kumpannija tas-sigurtà privata Sirjana stabbilita fl-2017 u ssorveljata mill-Grupp Wagner fis-Sirja, attiva fil-protezzjoni tal-interessi Russi (il-fosfati, il-gass u l-iżgurar tas-siti taż-żejt). Il-kumpannija, li topera bl-isem “ISIS Hunters”, hija attiva fir-reklutaġġ ta' merċinarji Sirjani għal-Libja u l-Ukrajna. Għalhekk, il-kumpannija hija responsabbli biex tappoġġa jew timplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 21.7.2022” |